

**Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-*data* li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija**

(2021/C 27/05)

Qed tingħbed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-*data* għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

Il-bażijiet legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar huma d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2011/72/PESK <sup>(2)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/55 <sup>(3)</sup>, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 <sup>(4)</sup>, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/49 <sup>(5)</sup>.

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar hu d-Dipartiment RELEX.1.C fid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Barranin, it-Tkabir u l-Protezzjoni Ċivili - RELEX tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK), li jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Council of the European Union  
General Secretariat  
RELEX.1.C  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tas-SĠK jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*

[data.protection@consilium.europa.eu](mailto:data.protection@consilium.europa.eu)

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2011/72/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/55, u r-Regolament (UE) Nru 101/2011, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/49.

Is-suġġetti tad-*data* huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2011/72/PESK u r-Regolament (UE) Nru 101/2011.

Id-*data* personali miġbura tinkludi *data* meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kwalunkwe *data* oħra relatata ma' dan.

Id-*data* personali miġbura tista' titqassam skont kif ikun meħtieġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* bħad-dritt għal aċċess, kif ukoll id-drittijiet għal rettifika jew għal oġġezzjoni ser jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-*data* personali ser tinżamm għal 5 snin mill-mument li s-suġġett tad-*data* jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew il-validità tal-miżura tkun skadjet, jew sakemm ikunu fis-seħħ proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbew.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-*data* jistgħu jressqu lment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 ([edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu)).

<sup>(1)</sup> ĠUL 295, 21.11.2018, p. 39.

<sup>(2)</sup> ĠUL 28, 2.2.2011, p. 62.

<sup>(3)</sup> ĠUL 023, 25.1.2021, p. 22.

<sup>(4)</sup> ĠUL 31, 5.2.2011, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠUL 023, 25.1.2021, p. 5.